MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 47/2009

**Carmel Coleiro**

**(I.D. Numru 756553 (M)**

**vs**

**Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**

**Direttur Qrati u Tribunali Civili**

**Avukat Generali tar-Repubbblika**

**u b'digriet tat-8 t'Ottubru 2009, giet kjamata fil-kawza**

**Julia Coleiro**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 t'Awwissu, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1 Illi dan hu rikors kostituzzjonali wara digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat it-3 ta' Lulju, 2009, fejn kien dekretat li b'effett mill-15 t'Awwissu tal-istess sena r-rikorrenti gie prekluz milli jaccedi ghad-dar konjugali, "Alba", Triq il-Knisja, Hat-Tarxien;

1.2 Illi id-digriet indikat fil-paragrafu precedenti inghata *in camera*;

1.3 Illi wara li gew debitament zbrigati l-formalitajiet insiti ghan-notifika tar-rikors datat is-26 ta' Marzu, 2009, li wassal ghad-digriet *de quo*, ir-rikorrenti odjern kien intavola r-risposta tieghu skont il-ligi fit-18 ta' Mejju, 2009;

1.4 Illi r-rikorrenti jsostni li ma jaf xejn dwar id-digriet *de quo*;

1.5 Illi l-istess rikorrenti jsostni li fid-digriet *de quo* il-qorti ma tghat l-ebda raguni li fuqha setghet isserrah il-konkluzjoni taghha;

1.6 Illi ghalhekk l-istess qorti ivvjolat id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bi ksur ta' l-artiklu 32 tal-Kostituzzjoni billi:

1.6.1. In-nuqqas ta' ragunijiet ghad-digriet taghha jammonta ghal ksur tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti;

1.6.2. Ir-rikorrenti gie ipprivat mill-proprjeta` tieghu minghajr kumpens;

1.6.3. Illi gie vvjolat ukoll l-artiklu 38 tal-istess Kostituzzjoni stante li r-rikorrenti gie ipprivat mill-protezzjoni ghall-intimita` ta' daru;

1.6.4. Illi gie vvjolat l-artiklu 44 tal-istess Kostituzzjoni billi r-rikorrenti gie pprivat mill-liberta` tal-moviment *stante* li gie imcahhad milli jidhol u johrog minn daru meta jrid;

1.6.5. Illi gie wkoll ivvjolat l-artiklu 45 tal-istess Kostituzzjoni *stante* li qed jigi allegat li kien hemm ukoll diskriminazzjoni illecita kontra tieghu;

1.7. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti jsostni li *stante* li d-digriet *de quo* inghata *in camera* allura gie ukoll priv mill-possibilita` li jappella mill-istess digriet;

1.8. Illi konsegwentement jallega wkoll li gie vvjolat id-dritt tieghu ta' smiegh xieraq bi ksur tal-artiklu 39 tal-istess Kostituzzjoni;

1.9. Illi l-istess vjolazzjonijiet fuq riferiti huma wkoll riflessi fl-appoziti artikli tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.10. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.10.1. Tisma` l-kaz odjern b'urgenza;

1.10.2. Tiddikjara d-digriet fuq riferit null u invalidu *stante* li jikser l-imsemmija drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

1.10.3. Tesplora l-possibilita` li tirreferi l-kaz odjern fil-Qorti tal-Gustizzja Ewropea billi bit-tkeccija tieghu fuq riferita, ir-rikorrenti gew lilhu lezi d-drittijiet tieghu rigwardanti l-proprjeta` parafernali tieghu;

1.10.4. Illi taghti dawk ir-rimedji opportuni sakemm il-kaz odjern jibqa` *pendente lite*;

1.10.5. Illi jinghata kumpens finanzjarju opportun u kumpens ghall-indinjita` subita;

1.10.6. Illi tiddikjara li r-rikorrenti:

1.10.6.i. Sofra trattament inuman;

1.10.6.ii. Inkisirlu d-dritt tieghu ghall-proprjeta`

1.10.6.iii. Inkisirlu d-dritt tieghu ghall-intimita` tad-dar tieghu;

1.10.6.iv. Ma inghatax smiegh xieraq;

1.10.6.v. Gie lilhu vjolat id-dritt tieghu ghall-liberta` ta' moviment;

1.10.6.vi. Sofra diskriminazzjoni;

1.11. Illi mill-bqija r-rikors promotur hu ezageratement verbuz u ripetittiv, u m'ghandux jigi avallat;

2.0 Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata l-4 ta' Settembru, 2009, li permezz tieghu sintetikament irrisponda s-segwenti:

2.1. Illi hu ghaqli li tigi kjamata in kawza l-mara tar-rikorrenti;

2.2. Illi r-rikors promotur hu frivolu u vessatorju;

2.3. Illi l-procedura ta' natura kostituzzjonali m'ghandiex tintuza bhala appell;

2.4. Illi stante li qed jigi analizzat digriet li effettivament hu *pendente lite*, ir-rikorrenti ghandu rimedju ordinarju ghad-disposizzjoni tieghu li ma giex debitament utilizzat qabel ir-rimedju kostituzzjonali hawn intrapriz;

2.5. Illi l-interpretazzjoni tad-drittijiet fundamentali in dizamina sposata mir-rikorrenti hi wahda ezagerata u farseska li tirredikola lill-istess Kostituzzjoni ta' Malta u Konvenzjoni Ewropea indirizzati;

2.6. Illi fil-mertu, m'hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali kif vantat;

2.7. Illi dwar il-fatti kif allegati mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

2.7.1. Illi mhux minnu li r-rikorrenti ma kellux l-opportunita` jiddefendi lilhu innifsu fil-procedura *de quo*;

2.7.2. Illi r-rikorrenti kien intavola rikors fir-rigward tal-vertenza in dizamina;

2.7.3. Illi jirrizulta wkoll li r-rikorrenti kien anke prezenti ghas-smiegh stabbilit mill-qorti fir-rigward ghalkemm jirrizulta wkoll li l-avukat tieghu naqas li jassistieh;

2.8. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

2.9. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.10. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.0. Rat ir-risposta datata t-8 t'Ottubru, 2009, li permezz taghha, l-intimati l-ohra sintetikament eccepew is-segwenti:

3.1. Illi l-azzjoni odjerna hi intempestiva;

3.2. Illi r-rikorrenti m'ezawriex ir-rimedji ordinarji;

3.3. Illi l-azzjoni odjerna hi frivola u vessatorja;

3.4. Illi l-istess azzjoni hi tentattiv biex tistultifika il-process gudizzjarju involut;

3.5. Illi *di piu`*, jaderixxu ma' l-eccezzjonijiet gia` sollevati mill-Avukat Generali fuq indikati;

3.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

3.7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-8 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza ta' Julia Coleiro, mart ir-rikorrenti, (ara foll 44);

5.0. Rat ir-risposta tal-kjamata in kawza indikata fil-paragrafu precedenti li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

5.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

5.2. Illi l-qorti odjerna ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza taghha *a tenur* tal-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta *stante* li r-rikorrenti m’ezawriex ir-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni tieghu;

5.3. Illi l-procedura kostituzzjonali ma thassarx digriet tal-Qorti Civili, fuq liema digriet gia` kien hemm talba ghar-revoka tieghu li kienet michuda;

5.4. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ma jammontawx ghal ksur ta’ drittijiet fundamentali kif allegat;

5.5. Illi m’ghandiex tbati spejjez;

5.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

6. Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

8. Semghet ix-xhieda prodotta quddiema;

9. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta’ Dicembru, 2013, li permezz tieghu fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 699);

10. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-20 ta’ Frar, 2014, (ara foll 702);

11. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kjamata in kawza datata l-24 t’April, 2014, (ara foll 743);

12. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat Avukat Generali datata l-25 t’April, 2014, (ara foll 750), u dik tal-intimati l-ohra d-Direttur Generali Qrati u tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali, datata t-30 t’April, 2014, (ara foll 756);

13. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-fatti li taw lok għall-procedura odjerna jistgħu jiġu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

14.1. Illi permezz ta' rikors guramentat skont il-ligi fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), datat is-26 t'Ottubru, 2005, Rikors Numru 351/05, il-kjamata in kawza Julia Coleiro inizjat, fost l-ohrajn, procedura ta' separazzjoni personali minn ma' zewgha ir-rikorrenti odjern Carmel Coleiro, (ara foll 654);

14.2. Illi permezz ta' rikors datat is-26 ta' Marzu, 2009, in atti tal-istess procedura indikata fil-paragrafu precedenti l-istess Julia Coleiro, il-kjamata in kawza odjerna, talbet li, ghar-ragunijiet hemm premessi, tkun awtorizzata tirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien m'uliedha b'mod esklussiv, (ara foll 238);

14.3. Illi l-qorti kolpita bl-istess rikors indikat fil-paragrafu precedenti, wara li hadet konjizzjoni tal-istess, ordnat li dan jigi notifikat lill-kontroparti ghar-risposta fit-terminu hemm indikat, (ara foll 245);

14.4. Illi permezz ta' rikors datat l-20 t'April, 2009, l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti odjern – hemm intimat – talab biex is-smiegh tal-kawza fuq indikata, (ara paragrafu numru erbghatax punt wiehed, (14.1.), aktar qabel), tkun differita ghal data ohra, (ara foll 248);

14.5. Illi permezz ta' risposta datata t-18 ta' Mejju, 2009, ir-rikorrenti odjern – hemm intimat – irrisponda b'mod kopjuz,

kif sfortunatament hi l-indole tar-rapprezentant legali involut, ghat-talba ta' martu rigwardanti x-xewqa minnha espressa li tigi awtorizzata tirrisjedi fid-dar matrimonjali *de quo* flimkien m'uliedha b'mod esklussiv, (ara foll 251 *et sequitur)*;

14.6. Illi permezz tad-digriet taghha datat it-18 ta' Mejju, 2009, il-qorti kolpita bl-istess procedura ghas-separazzjoni personali in dizamina, u allura anke bir-rikors in dizamina biex Julia Coleiro tigi awtorizzata tirrisjedi fid-dar matrimonjali *de quo* flimkien m'ulieda b'mod esklussiv, irriservat, wara li anke iddikjarat li rat ir-risposta ta' l-intimat Carmel Coleiro – ir-rikorrenti odjern – li kienet ser tipprovdi fir-rigward fl-udjenza, (ara foll 264);

14.7. Illi sussegwentement jirrizulta li kien hemm zewg (2) udjenzi ohra, espressament rizervati ghal dan, senjatament:

14.7.1. Dik datata t-22 ta' Mejju, 2009, fejn dehru l-kontendenti involuti Julia u Carmel Coleiro, it-tnejn assistiti bl-abbli rapprezentanti legali rispettivi fejn l-istess rapprezentant legali tar-rikorrenti odjern jirrizulta li talab ghal differiment minghajr ma' ta raguni ghall-istess, (ara foll 266);

14.7.2. Dik datata s-26 ta' Gunju, 2009, fejn gie ivverbalizzat sintetikament is-segwenti:

14.7.2.i. Illi dehret Julia Coleiro debitament assistita;

14.7.2.ii. Illi l-abbli rapprezentant legali tal-imsemmija Julia Coleiro talab li l-qorti taghti digriet rigwardanti zewg (2) rikorsi pendenti quddiema li wiehed minnhom kien dak ta' l-imsemmija Julia Coleiro datat is-26 ta' Marzu, 2009, (ara paragrafu numru erbghatax punt tnejn, (14.2.) aktar qabel);

14.7.2.iii. Illi jirrizulta wkoll debitament verbalizzat espressament mill-istess qorti presedjenti, li kienet qed tirriserva li tipprovdi dwar it-talbiet hawn indikati fil-paragrafu precedenti *in camera*, (ara foll 267);

14.8. Illi in effetti permezz tad-digriet taghha datat t-3 ta' Lulju, 2009, ghamlet proprju dak li intrabtet li taghmel u iddecidiet ir-rikors precedentement inoltrat fis-26 ta' Marzu, 2009;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi tenut kont tal-fatti saljenti u rilevanti fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

15.1. Illi r-rikorrenti odjern jirrizulta li kien il-hin kollu fil-kontroll tal-procedura minnhu hawn lanjata u dan:

15.1.1. Mhux biss ghaliex hu kien dejjem presenti personalment f'kull udjenza involuta;

15.1.2. Izda kien ukoll assistit kif dovut minn persuna abilitata biex tidher ghan-nom u in rapprezentanza tieghu fi proceduri legali;

15.2. Illi l-agir tal-qorti in dizamina jippekka favur il-prudenza assoluta fl-agir taghha stante li jirrizulta li:

15.2.1. Mhux biss tat kull opportunita` lil Carmelo Coleiro jgib it-tezi tieghu quddiemha;

15.2.2. Izda ghamlet dan b'tali mod li takkomoda lill-Carmel Coleiro u l-abbli rapprezentant legali tieghu biex jirreagixxu ghar-rikors ta' Julia Coleiro bil-kumdita` u mhux b'ghaggla zejda – kwazi razenti d-dilungar inutili;

15.3. Illi *di più*, jirrizulta assodat ukoll mill-lettura tal-verbal tas-26 ta' Gunju, 2009, (ara foll 267), li l-istess qorti iddikjarat bil-quddiem u bl-aktar mod trasparenti, dik il-metidologija li kienet ser tapplika fir-rigward, billi iddikjarat li kienet ser tipprovdi dwar ir-rikors datat is-26 ta' Marzu, 2009, (ara foll 238), u dwar ir-risposta fir-rigward datata t-18 ta' Mejju, 2009, (ara foll 251), *"in camera"*;

Ikkunsidrat:

16. Illi tenut kont li l-operat tal-qorti inkriminata mir-rikorrenti odjern kien skont il-ligi u assolutament trasparenti u taht l-iskrutinju tar-rikorrenti odjern u tal-abbli rapprezentanti legali involuti, din il-qorti ma ssibx li ghandha ticcensura l-operat tal-istess qorti in dizamina;

Ikkunsidrat:

17. Illi mill-analizi sintetika fuq elenkata jirrizulta preokkupanti ferm l-operat ta' l-istess rikorrenti li ghalkemm kellu diversu rimedji ta' *indole* civili ghad-disposizzjoni tieghu ghazel minflok li jinjora l-istess u jintraprendi procedura specifikatament intiza ghal rimedji ferm differenti minn dawk li sbuccaw fil-procedura taht skrutinju;

Ikkunsidrat:

18. Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni odjerna hi priva minn dik il-logika procedurali rikjesta f'kawzi t'*indole* kostituzzjonali;

19. Illi dan qed jigi ribadit *stante* li r-rikorrenti *de quo* ghazel li jibqa` inert quddiem decizjonijiet li laqtugh negattivament – minflok li jikkontesthom fil-miftuh bi procedura civili appozita;

20. Illi ghalhekk l-ghazla tieghu ta' din il-procedura kostituzzjonali tidher li hi intiza biex minn dan l-istess nuqqas tieghu ir-rikorrenti jipprova jiggwadanja rimedju distintiv anke finanzjarju, meta dan mhux dovut;

Ikkunsidrat:

21. Illi tenut kont tal-fatti kif jirrizultaw mill-atti in dizamina il-procedura kif immexxija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma jirrizultax li kienu lezivi ta' xi dritt fundamentali tal-bniedem lamentat mir-rikorrenti odjern;

22. Illi *se mai* hi biss l-inattivita` riskontrata ta' l-istess rikorrenti li:

22.1. Naqas milli jikkontesta kemm l-operat procedurali tal-qorti involuta kif minnha determinat fil-verbal taghha datat is-26 ta' Gunju, 2009, meta stabbiliet il-metidologija ta' kif kienet ser tipprocedi fir-rigward, (ara foll 267);

22.2. Naqas ukoll li jikkontesta l-istess digriet tal-istess qorti datat it-3 ta' Lulju, 2009, (ara foll 268);

Ikkunsidrat:

23. Illi tenut kont tas-suespost ma jirrizulta li kien hemm l-ebda vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti naxxenti mill-operat kurjali in dizamina;

Ikkunsidrat:

24. Illi finalment ghandu wkoll jigi *di piu`* rilevat li l-vertenza originali bejn il-kontendenti Julia u Carmel Coleiro giet konkluza permezz tas-sentenza tal-istess Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Julia Coleiro vs Carmel Coleiro, Citazzjoni Numru 351/05, datata il-25 t'Otubru, 2013, (ara foll 654), fejn anke l-kwistjoni rigwardanti id-dar matrimonjali li kienet il-bazi tal-azzjoni odjerna giet hemm debitament rizolta b'mod definittiv, (ara foll 695);

Ikkunsidrat:

25.0. Illi in vista tal-premess il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovax it-talbiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

25.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti Carmel Coleiro;

25.2. Tilqa` r-risposti kollha tal-intimati kollha u tal-kjamata in kawza Julia Coleiro u konsegwentement:

25.2.1. Tiddikjara li ma jirrizulta li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' Carmel Coleiro;

25.2.2. L-ebda danni ma jirrizultaw fil-konfront ta' l-istess Carmel Coleiro;

25.3. Bl-ispejjez kollha ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti Carmel Coleiro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------